Newspaper Post

# Żminijietna

www.zminijietna.org www.zminijietna.blogspot.com https://twitter.com/Zminijietna

Vol.5 Nru. 27 Lulju - Settembru 2015 40c

*"L-ODZ Mhedded minn aktar Żvilupp".*

# Front Kollettiv Favur l-Ambjent

Il-Kwistjoni f'Malta ta' aktar żvilupp laħqet livell insostenibbli u perikoluż. Iż-żoni urbani saru ġungla waħda tal-konkrit. Ma għadekx tista' tiddefenixxi liema huma l-konfini li jifirdu raħal minn ieħor, jew belt minn oħra. Filwaqt li qed issir din il-ħsara kollha, ma' 70,000 propjetá hija vojta.

Fir-rigward ta' ODZ, il-proposti u miżuri mħabbra mil-Gvern huma 'attakk dirett' lejn il-qafas regolamentari; li suppost iħares u jirregolarizza ta' x'jista' u ma jistax isir fl-ODZ. U hawn fejn iqum it-tħassib.



Kien f'waqtu għalhekk l-inizzjattiva li ttieħdet minn numru ta' persuni u attivisti minn kull sfera tas-soċjetá li ngħaqdu flimkien biex jikkonfrontaw din il-politika. Politika li żgur m'għandhiex tiġi ittollerata. *(Ritratt juri l-attendenza kbira ta' nies fil-Belt Valletta favur li jiġi mħares iż-Żonqor)*

Wieħed jistaqsi, għala l-Gvern ħareġ sejħa ta' nteress lill-iżviluppaturi sabiex jressqu l-quddiem numru ta' proposti għall-proġetti ta' ċertu kobor f'żoni li fil-maġġor parti tagħhom żgur li se jkunu barra l-konfini tal-iżvilupp?

S'intendi dawn il-proposti mhumiex la bbażati fuq studju, m'għandhomx l-approvazzjoni tal-MEPA, u għalhekk jmorru direttament kontra l-istess liġijiet eżistendi tal-MEPA.

Liġi oħra kontroversjali li daħlet mil-Gvern kienet fuq l-agroturiżmu li minflok ma' nċentivat l-użu ta' bini eżistendi f'żoni barra żoni tal-iżvilupp biex isir tali proġett, fetħet it-triq biex aktar art agrikola tingħata għall-iżvilupp. Dana jfisser li filwaqt qed indaħħlu liġi li fil-prinċipju hi tajba għax tippromwovi l-agroturiżmu u l-benessere tas-settur agrikolu, fl-istess nifs qed nagħtu lok biex aktar art agrikola tinqered. L-istess liġi wkoll hi nieqsa mill-kunċett ta' eko-turiżmu.

Fir-rigward taż-Żonqor, fejn il-Gvern qed jagħti aċċess lill-investitur barrani biex jibni Universita privata fuq art agrikola f'żona barra l-konfini tal-iżvilupp hija inaċċettabbli.

Jekk ser nifthu l-ODZ għall-iżviluppatur privat, allura nistgħu nżarmaw il-liġijiet eżistendi kollha li jissalvagwardjaw l-art kollha naturali, ekoloġika, u agrikola li sa llum għada mhiex mittiefsa. L-istess din il-prassi tapplika għall-Istituzzjonijiet tal-Knisja.

L-ispirtu ta' kundanna li kienet saret lill-Gvern preċedenti mil-ambjentalisti, għaqdiet politiċi u soċjali kontra li jiġu estiżi l-konfini tal-iżvilupp fl-2006 hija ħajja wkoll llum.

Il-konsistenza li wrew matul iż-żmien dawn l-għaqdiet u individwi hi ta' min ifaħħarha.

Wieħed jistenna l-istess ħaġa mil-klassi politika f'Malta. U jagħmel sew li l-Front Ħarsien ODZ jagħfas fuq dan il-prinċipju. Il-ħsara li ssir fuq l-ambjent hija irriversibbli.

Il-Papa fl-Enċiklika tiegħu dwar l-ambjent ukoll tkellem dwar il-ħsara li qed jagħmel il-bniedem fuq l-ambjent. Il-Papa ikkundanna wkoll is-sistema kapitalista li tħares biss lejn il-profitt.

Ta' minn ifaħħar ukoll in-numru ta' organizazzjonijiet li qed jappoġġjaw is-sejħa tal-Front Ħarsien ODZ li sa llum jinkludu dawn l-organizazzjonijiet: *Moviment Graffitti, Friends of the Earth, Flimkien Għal Ambjent Aħjar, Integra Foundation, Nature Trust, Żminijietna - Voice of the Left, The Critical Institute , ADŻ - Alternattiva Demokratika Żgħażagħ, Why Not?, Greenhouse – Malta, Gender Liberation, Jesuits, Kopin, Ramblers Association, Birdlife Malta, MOAM, MKSU, KSU, Theatre Anon, KKG, Friends of Marsascala , Organisation Friendship in Diversity, Students Philosophical Society, Aditus, Youth for the Environment, PHROM, Alternattiva Demokratika - The Green Party, u l-Partit Komunista Malti.*



**Żminijietna tintervista lil Marthese Formosa mill-Koperattiva Kummerċ Ġust.** (*Segwi l-intervista kollha f'paġna 4*).

## Il-Poplu Grieg b'Vot Kontra l-Awsteritá.

Il-maġġoranza tal-poplu fil-Greċja reġa ivvota 61.5% tal-voti kontra l-politika Ewropeja ta' Awsteritá. Politika li ġabet lill-Greċja f'xifer falliment, faqar, qgħad u prekarjetá.

Dan irriżultat wera l-perseveranza li għandu l-poplu Grieg. Il-vot 'LE' tal-poplu kien riżultat tal-politika 'popolista' ibbażata fuq il-biża li mxiet bih il-Kummissjoni Ewropeja ta' Juncker, il-Kanċillier Ġermaniż Angela Merkel, flimkien ma' IMF u ECB.

Ta' sodisfazzjoni kbir għalina kien is-solidarjetá kbira li ngħatat lill-poplu Grieg u l-Gvern ta' Syriza minn numru kbir ta' partiti u movimenti Xellugin minn madwar l-Ewropa, fosthom Malta.

*Ġewwa...*


- *L-Editorjal*
- *Is-soċjaliżmu fir-Russja qabel ir-Revoluzzjoni* - *Alfred Consiglio*
- *Il-Fenomenu tal-Front* - *Michael Briguglio*
- *Appell lill-Kunsilli Lokali* - *The Clean Food Movement*
- *The Gap Between The Rich and Poor in the World* - *Sammy Camilleri*
- *Intervista ma' Sergio Chavez -'Il-Ġlieda Globali Kontra l-Isfruttament'*

# Is-Soċjaliżmu fir-Russja Qabel ir-Rivoluzzjoni

*minn Alfred Consiglio*

Kienet l-istennija ta' Marx li l-Marxiżmu l-ewwel jaqbad l-għeruq fil-Ġermanja. Madankollu, pajjiżi oħrajn ipproduċew ħafna rivoluzzjonarji.

Fir-Russja l-gruppi rivoluzzjonarji kellhom itejjbu s-sigurtà għall-kumplotti tagħhom. Il-moviment rivoluzzjonarju, li ma kellu ebda opportunità għal parteċipazzjoni pożittiva fil-ħajja pubblika, sar iffissat bit-teorija. Orjentazzjoni teoretika għolja kienet integrata fil-ħajja ta' ribelljoni kontra l-awtoritajiet. Kien hemm ukoll tendenza għal eloġju lejn il-mexxej ta' xi għaqda rivoluzzjonarja; xi mexxejja bennew il-ftaħir u rażżnu krudelment kull oppożizzjoni.


Herzen

Sal-1880 ir-rivoluzzjonarji Russi sostnew l-assjoma li s-soċjaliżmu tagħhom għandu jagħti kont tan-natura agrarja tal-ekonomija. Il-ħassieba rivoluzzjonarji għamlu li setgħu billi ppropunew li jpoġġu lill-bdiewa fil-qalba tal-ideat tagħhom. Però, il-bdiewa kienu indifferenti għal sejħiet għal rivoluzzjoni. Mat-tkabbir ta' fabbriki u ferroviji, ħafna soċjalisti bdew jinnegaw li dan kien għadu realistiku li jserraħ it-tama fi bdiewa li kienu destinati li jwettqu l-Istorja.

Georgi Plekhanov (1857-1918) iddikjara li r-Russja kienet ġa qabdet it-triq ekonomika tal-qawwiet kapitalisti. Minflok, il-bdiewa jkunu l-ħaddiema li jmexxu r-rivoluzzjoni. Skond Plekhanov, is-soluzzjoni kienet li jadottaw il-Marxiżmu. Huwa u sħabu kienu ħarbu lejn l-Isvizzera; hemmhekk iltaqgħu ma' Vera Zasulich (1849-1919), li kienet tifforma parti minn grupp ta' rivoluzzjonarji. Ċrieki ta' segwaċi faqqsu f'San Pietruburgu, Vilnius u Tbilisi.

Sal-1890 dawn iċ-ċrieki kienu x-xejriet enerġiċi tal-moviment rivoluzzjonarju. Huma mmiraw li joħolqu partit u f'Marzu 1898 sar l-ewwel kungress f'Minsk.


Lavrov

Ġemgħa ta' uffiċjali Russi, membri tas-soċjetà sigrieta Zemlya i Volya qamu kontra t-tzar, iżda l-irvell tagħhom falla u l-mexxejja ġew mgħallqin. Fl-1860 kien għad ma kienx hemm moviment laburista u l-Populisti xxaqilbu lejn terroriżmu u fidi fil-bidwi. Sergey Nechaev (1847-1882) kien il-mexxej ta' grupp ta' studenti rivoluzzjonarji.

Fost ir-rivoluzzjonarji kien hemm fazzjonijiet sa mill-bidu. Il-klaxx tat-twemmin kien magħmul aktar aħrax bl-antagoniżmu personali. Karl Marx minn naħa u Mikhail Bakunin minn naħa l-oħra.

Mikhail Bakunin (1814-1876) kien membru tal-aristokrazija sidien l-art. It-twemmin tiegħu kien li jifli l-idea ta' 'ħelsien'. Il-kelma 'stat' għalih kienet tfisser il-ħażen kollu li għandu jkun imbarri mid-dinja. Huwa fittex ugwaljanza kif ukoll ħelsien, u għalhekk wieħed mill-objettivi mmedjati tiegħu kien l-abolixxar tad-dritt tal-wirt.


Bakunin

Bakunin mar Berlin fl-1840 u kien hemm li mar fuq ix-xellug estrem tal-firxa politika. Fl-1843 mar Pariġi fejn iltaqa' ma' Wilhelm Weitling u sar ukoll konoxxenti ta' Marx.

B'ħala temperament, Bakunin kien viċin ħafna tad-Diċembristi, il-grupp ta' uffiċjali li f'Diċembru 1825 qamu kontra t-tzar. Huwa kien bniedem ta' azzjoni aktar milli ħassieb. Meta fl-1861 ħarab minn ħabs fis-Siberja, huwa mar l-Amerika.

Kontemporanju ta' Bakunin kien Alexander Herzen (1812-1870) li ta' spiss jissejjaħ missier is-soċjaliżmu Russu. Huwa kien it-tifel illeġittimu ta' nobbli Russu. Herzen ma lagħab ebda parti importanti fil-ġrajjiet tal-1848. Fl-1852 mar jgħix Londra minn fejn nieda dawk il-ġurnali li ġibdu l-attenzjoni ta' qarrejja Franċiżi u Ġermaniżi. Bl-għajnuna ta' Pollakki huwa waqqaf il-Free Russia Press u ppubblika My Past and Thoughts.

Bakunin għen biex jitnieda moviment terroristiku fir-Russja magħmul minn intelletwali u kommess lejn twemmin imnissel mis-Slavofiliżmu ta' żgħożitu. Il-wirt ta' Bakunin mexa taħt il-bandiera sewda tal-anarkiżmu jew dik sewda u ħamra tas-sindikaliżmu.

Bakunin ittraduċa fi kliem dak li l-bidwi Russu ħass rigward iċ-ċiviltà mibnija bi skapitù tiegħu. L-anarkiżmu kien destinat li jitwettaq minn nies li għalihom ħelsien ma kienx ifisser qerda. Peter Kropotkin (1842-1921) stabbilixxa li l-anarkiżmu bħala duttrina mhux bilfors fisser kemm barbariżmu jew il-kult ta' vjolenza. Huwa ttama li meta t-taqlib jasal ikun hemm lanqas numru ta' vittmi.


Nachaev

Minkejja l-isforzi ta' Bakunin biex jimmobbilizza 'l-ħaddiema fqar, l-uniċi suċċessi li kellu kienu mal-istudenti. Il-Populisti, li fl-1874 marru fost il-poplu, kienu affetwati b'mod vag bid-duttrina tiegħu. Meta Nechaev fisser il-loġika li ebda soċjetà ma tista topera għajr meta tkun disposta li tissubordina lejn direttorat appuntat u investit b'poteri ta' ħajja u mewt fuq is-segwaċi, Bakunin qata' kull kuntatt miegħu.

Nikolas Chernyshevsky (1828-1889) kien ħassieb demokratiku. It-trattament krudil li ħa minn għand l-awtoritajiet ispira reazzjoni vjolenti fost żgħażagħ li qiemu l-memorja tiegħu. Wieħed mill-allievi tiegħu, Dimitri Pisarev (1840-1868) irreaġixxa għall-arrest ta' Chernyshevsky fl-1862 billi żviluppa xorta ta' elitiżmu. Chernyshevsky twieled f'Saratov, bin patri ortodoss. Għal xi snin kien editur tal-ġurnal letterarju Sovremenik (Il-Kontemporanju). Huwa kien il-missier tal-Populiżmu; fis-sajf tal-1874 ġgajta ta' żgħażagħ marru fil-villaġġi qalb il-kotra biex iqanqluha mill-letarġija, attentat li falla u li wassal lil xi wħud minnhom jadottaw it-terroriżmu. F'Marzu 1881 ħames żgħażagħ, membri ta' Narodnaya Volya (Ir-Rieda tal-Poplu) sfaw arrestati wara li kien assassinat it-tzar Alessandru II. Iż-żgħażagħ kienu arrestati fl-1887 u kkundannati għal mewt. Fosthom kien hemm Alexander Ulyanov (1866-1887), ħu student storbjuż, li kellu jqanqal rivoluzzjoni fir-Russja fl-1917, li regħdet lid-dinja. L-erba' żgħażagħ l-oħra ftit kienu magħrufin, Vasily Generalov (1867-1887), Pakhomiy Adreyushkin (1865-1887), Vasily Osipanov (1865-1887) u Petr Shevyrov (1863-1887). Dawn iż-żgħażagħ kienu l-aħħar minn ġenerazzjoni ta' idealisti romantiċi ddedikati lejn il-kawża tal-kotra mirfusa.


Lavrov

Għalkemm Chernyshevsky jista jissejjaħ pre-marxist, però mhux xi prekursur tal-bolxeviżmu, għalkemm Lenin ammirah. Sa fejn għandu x'jaqsam, tattiċi politiċi kienu kkonċernaw lill-istudent ribell Petr G. Zaichnevsky (1842-1896), membru ta' Young Russia fl-1860 li kienet qrib tal-mudell bolxevist ta' rivoluzzjonarji professjonali. Il-wirt ta' Young Russia kien ippriżervat minn Petr Tkachev (1844-1886) li meta ħarab lejn l-Isvizzera ssieħeb mal-Blanquisti. Tkachev iddefenda dittatorjat politiku li joħroġ minn kolp ta' stat. Madankollu, kien hemm veduta oħra fil-kurrent Populist, u din kienet is-soċjaliżmu evoluzzjonarju ta' Petr Lavrov (1823-1900) li għalkemm kien ħabib ta' Marx u Engels, ma kienx jaqbel mal-filosofija u l-vizzjoni politika tagħhom.


Tkachev

Lavrov poġġa t-tama tiegħu fi propaganda paċifika u edukazzjoni. Huwa fis-snin 1870jiet espona l-verzjoni tiegħu ta' soċjaliżmu filwaqt li t-terroristi ta' Narodnaya Volya mxew f'direzzjoni oħra. Kien possibli għal rivoluzzjonarji li jiddeskrivu lilhom soċjalisti, u kellhom għażla bejn il-Ġakobiniżmu ta' Tkachev, l-anarkiżmu ta' Bakunin jew it-tama fl-intelliġenzja ta' Lavrov bħala li strata soċjali li gradwalment teduka lill-kotra u xxerred is-soċjaliżmu.

Il-ktieb Capital ta' Marx kien ippubblikat fir-Russja fl-1872, u kien tqil u bla gost biex jinfluwenza mhux aktar minn minoranza. Wieħed minn dawn kien Georgi Plekhanov. L-interpretazzjoni tal-Marxiżmu minn Plekhanov offriet lil żgħażagħ Russi filosofija obbjettiva bbażata fuq raġunar eukonomiku u t-twemmin li, illum jew għada, tfaqqa f'tilwiem bejn il-kapitalisti u l-proletarjat.

Fost il-ħafna żgħażagħ segwaċi ta' Plekhanov kien hemm Vladimir Ilyich Ulyanov (1870-1924), magħruf aħjar bħala Lenin.

Referenzi:

1. Isaiah Berlin: Russian Thinkers, London 1972.
2. Mikhail Bakunin: Statehood and Anarchy.
3. Donald Sassoon: One Hundred Years of Socialism: The West European Left in the Twentieth Century, London 1997.

*Editorjal*

# Is-Settur tas-Saħħa fi Kriżi!!!

Dan l-aħħar kelli ċ-ċans nisma' dibatittu fuq ix-xandir fejn ħa sehem fost oħrajn rappreżentant ewlieni mis-settur tas-saħħa privat. Minnufih fhimt li dan is-settur jinsab fi kriżi.

Il-kelliem mis-settur privat ma waqafx jilmenta li l-istat qed jidħol kullimkien u mhux iħallihom spazju joperaw. Ta' min ifakkar li l-isptarijiet u kliniċi privati ifaqqsu bil-kbir taħt it-tmexxija tal-Gvern Konservattiv.

Għal gvern bħal dan kwalunkwe xamma ta' stat hija anathema u jrid kollox f'idejn il-privat. It-tattika tagħhom dejjem kienet li jħallu s-servizz statali jitmemer ħalli l-poplu jibda jgerger u jaċċetta bla protesta il-privatizzazzjoni.

Filkaż tas-servizz tas-saħħa f'Malta l-'imma' ewlenija kienet id-dewmien fl-operazzjonijiet u l-kura. Ma naqas li l-privat juża dan il-fatt għall-propaganda. Nemmen li dawn il-problemi qed jgħibu bil-miżuri li ħa l-gvern preżenti. Ta' min jgħid li l-maġġoranża ta' l-isparijiet, kliniċi u entitajiet oħra privati f'dan il-qasam ilhom li għalqu, kieku ma kienx għall-kuntratti li jagħtihom l-istat.

Il-kelliem tas-settur privat qal li l-poplu huwa ċuċ għax mhux jintebaħ li ilu jħallas minn imnieħru f'taxxi u bolol tas-sigurtà nazzjonali biex ikollu dan is-servizz statali. Mur obsor!

Jidher li dan jrid li l-poplu jħallas lill-kumpaniji s'intendi privati, biex żgur, dawn jagħmlu l-profitt minn fuq il-marid.

Dan l-aħħar kont qed nara program Amerikan fejn irriżulta li l-attur ewlieni kellu bżonn aktar minn $150'000 għall-kura tat-tumur li kellu. Peress li l-insurance ma' kienetx se tagħmel tajjeb għas-somma, intefa' jipproduċi u jbiegħ id-drogi. Hawn Malta din il-kura hija b'xejn.

Il-Maltin kollha ta' liema kulur huma, għandhom ikunu grati lill-gvernijiet tal-Ħaddiema li matul is-snin bnew u rawwmu s-servizz tas-saħħa u barra minnhekk ipproteġewħ mill-kilba tal-privat.

Nittamaw li dan il-gvern li jistħi jgħid li huwa tal-ħaddiema ma jinsiex il-wegħda tiegħu li jipproteġi dan is-servizz u mhux idaħħal bil-moħbi il-privatizazzjoni.

Il-Kummerċjalizazzjoni tal-qasam tas-saħħa f'Malta ma jawgurax tajjeb biex dan is-settur jibqa' wieħed pubbliku, ta' kwalitá tajba, bla ħlas u fejn il-kundizzjonijiet tal-ħaddiema jkunu tajba. Wieħed jistenna aktar reazzjoni mil-Unjins.

# Il-Fenomenu tal-Front

***minn Michael Briguglio***

Il-protesta #savezonqor tal-Front Ħarsien ODZ, nhar is-Sibt 20 ta' Ġunju, kitbet l-istorja għal bosta raġunijiet.

Din kienet l-ikbar protesta awtonoma li qatt organizzat is-soċjetà ċivili Maltija, mingħajr indħil ta' partiti politiċi. Kien hemm madwar 3,000 u 4,000 persuna li ħonqu triq ir-Repubblika, fil-Belt Valletta.

Is-soltu, huma biss il-partiti jew unjins kbar li jirnexxilhom jiġbdu folol daqshekk kbar, speċjalment minħabba l-ammont ta' membri li għandhom. Iżda anke hawnhekk, dan l-aħħar kien hemm tnaqqis ta' attendenza għal bosta attivitajiet, u għalhekk l-attendenza massiva għall-protesta tal-Front kienet iktar sinjifikanti.

Apparti minn hekk, protesti ambjentali kbar li saru taħt l-amministrazzjoni preċedenti taħt Gvern Nazzjonalista ġibdu madwar 500 ruħ – u kienu meqjusin suċċess.

Il-Front Ħarsien ODZ jippreżenta fenomenu ġdid fil-politika Maltija, u fl-istess ħin jiċċelebra t-tajjeb ta' attiviżmu ambjentali li kien hemm fis-snin ta' qabel.

Il-Front jibni fuq ambjentaliżmu tas-sittinijiet, ambjentaliżmu iktar militanti mit-tmeninijiet il-quddiem, u l-istrateġija inklussiva




ta' kampanji li kisbu suċċess bħal tal-Front Kontra l-Golf Kors fir-Rabat.

Il-Front għandu appoġġ ta' iktar minn 30 organizazzjoni, u m'għandu l-ebda intenzjoni li jieħu posthom, iżda, li jaħdem b'mod inklussiv, lil'hinn mis-settarjaniżmu jew partiġġjaniżmu, fejn kulħadd jista' jaħdem flimkien.

Dawk attivi fil-Front Ħarsien ODZ jirrispondu lill-istess Front u mhux lill-għaqda li magħhom huma msieħba. Deċiżjonijiet fil-Front isiru b'mod orizzontali u demokratiku, u attivisti m'għandhomx bżonn approvazzjoni ta' xi għaqda biex jipparteċipaw fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

Hemm attivisti fil-front li ilhom attivi iktar minn 20 sena. Oħrajn ilhom attivi għal dawn l-aħħar snin, u oħrajn huma ġodda fil-mewġa ġdida ta' attiviżmu fis-soċjetà ċivili.

Hemm attivisti li huma kunsilliera, oħrajn ġurnalisti, oħrajn akkademiċi minn dixxiplini varji, u oħrajn li huma studenti, attivisti u ċittadini b'interess ambjentali u fil-ġid komuni. Il-Front issa jrid jiżgura li jibqa' awtonomu u li ma jaqax għat-tentazzjoni ta' ko-opzjoni.

Il-Front m'huwiex maħkum minn ġlied intern, partiġġjaniżmu jew primadonniżmu politiku. Għall-kuntrarju, kull attivist għandu rwol importanti, u l-Front juża pjattaformi differenti għall-attiviżmu. Dan jinkludi l-media soċjali, protesti, dibattiti pubbliċi, networking u attiviżmu 'grassroots'.

Il-Front jirrappreżenta l-mument ta' attiviżmu mhux partiġġjan, f'kuntest ta' kuxjenza ambjentali li dejjem qed tikber, u taħt Gvern Laburista li qed isir inqas trasparenti, iktar arroganti u iktar merkantili f'politika li qed tbiegħ il-ġid komuni.

Apoloġisti ultra-partiġġjani qed jagħmlu dak kollu li jistgħu biex iżebilħu lill-Front Ħarsien ODZ. Iżda b'mod politkament xejn analitiku, qed jinjoraw il-mewġa li qed tikber fis-soċjetà ċivili Maltija. Dan jagħti iktar inċentiv lill-Front biex jitkellem kontra s-serq tal-wirt ambjentali Malti.

**L-Għaqda Żminijietna -Leħen ix-Xellug**

***Żminijietna -Leħen ix-Xellug huwa moviment xellugi u jinkludi membri tal-Partit Komunista, il-Partit Laburista, l-Alternattiva Demokratika, ħaddiema, akkademiċi, studenti, trejd unjonisti, ġurnalisti u pensjonanti.***

***Żminijietna hija l-leħen tax-xellug. Il-mira ewlenija hi li l-għaqda jkollha preżenza ikbar fis-soċjetá permezz ta' attiviżmu minn perspettiva xellugija, b'emfażi fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza, ġustizzja soċjali u sostenibilitá ekoloġika.***

***Din ir-rivista hija waħda mill-ħidmiet ta' l-Għaqda u wieħed jista' jabbona permezz ta' ċekk jew money order ta' €5 indirizzati lil Żminijietna: P.O Box 35 Sliema. SLM1000 jew BOV account number 40013290155***

***Kull korrispondenza għandha tintbagħat fl-indirizz ta' hawn fuq jew zminijietna@yahoo.com***

**Il-kitbiet fir-rivista huma l-fehmiet u opinjonijiet tal-kittieba u mhux bil-fors jirriflettu l-policy uffiċjali ta' l-Għaqda Żminijietna. Ir-riklami huma bi ħlas.**

**Il-gazzetta Żminijietna hija pubblikazzjoni ta' kull tlett xhur ta' l-Għaqda Żminijietna. Disinn KoPri Koperattiva u stampar Union Print, Marsa.**

# "F'Sistema Ekonomika Kapitalista, Min jaħdem l-aktar, jitħallas l-inqas"

**X'inhu r-rwol tiegħek fil-Koperattiva Kummerċ Ġust?**

Jiena bħalissa nokkupa l-kariga ta' Uffiċjal Amministrattiv mal-Koperattiva Kummerċ Ġust.

Il-KKĠ hija mħaddma l-aktar mil-volontiera. B'kollox preżentament għandna ma' l-għoxrin volontier, wħud minnhom barranin. Il-Koperattiva għandha wkoll ħanut li jbiegħ il-prodotti tal-Kummerċ Ġust u l-ħanut qiegħed fi Triq San Pawl, ġewwa l-Belt Valletta. Il-ħanut infetaħ fl-1998, waqt li l-Koperattiva ġiet iffurmata fl-1996.

**Bażikament xi tfisser il-kelma Kummerċ Ġust jew kif nafuha bl-Ingliż Fair Trade?**

Kummerċ Ġust bħala moviment globali beda minn persuni li kienu qed jsiru konxji ta' kif taħdem is-sistema ekonomika kapitalista ta' sfruttament, fejn filwaqt li ħafna nies huma nvoluti fil-linja tal-produzzjoni, sakemm dan jasal għand il-konsumatur, minn jaħdem l-aktar, qed jitħallas l-inqas.

Minn dan il-ħsieb, bdew jiġu ffurmati l-koperattivi. Wieħed isib ġiex oqsma ta' koperattivi, għandek dawk il-koperattivi tal-produtturi tal-materja prima (eż bdiewa li jipproduċu l-coffee beans etc) u dawk li jimpurtaw il-materja prima u huma stess joħolqu l-prodott finali. Il-kunċett tal-Kummerċ Ġust hu li l-persuni involuti fil-proċess tal-produzzjoni jitħallsu b'mod ġust u mhux kif isir fis-sistema ekonomika kapitalista li hi bbażata ħafna minnha fuq cheap labour, b'sigħat twal ta' xogħol u pagi baxxi.

Fis-sistema mħaddma taħt il-qafas tal-Kummerċ Ġust m'għandekx l-involviment ta' middle man jew sidien ta' kumpaniji.

L-involviment ta' sidien, li hu mħaddem f'sistema kapitalista, ma jeżistiex f'din is-sistema.

Għalhekk il-prezz mħallas għal dawk kollha involuti fil-proċess tal-kummerċ ġust jasal biex jkun wieħed dinjituż, għax qed jelimina mil-proċess dawk il-persuni kollha li qed jitħallsu pagi eżorbitanti għax huma is-sidien jew negozjanti ta' tali prodott. Ir-riklamar wkoll jieħu ammont kbir tal-profitt tal-kumpanija, li dan ma jmurx fi bwiet il-ħaddiema.

Marthese kompliet tgħid li l-iktar ħaġa mportanti fil-Fair Trade huwa li nies involuti fil-proċess huma mħallsa paga ġusta, li tgħinhom jgħixu ħajja diċenti.

Fejn qabel dawn in-nies kienu jaqilgħu $2 f'ġurnata llum qed jaqilgħu aktar. Bil-pagi baxxi li kellhom ma setgħux javvanzaw f'ħajjithom u tbati l-komunitá kollha. Ġieli lanqas kellhom flus biżżejjed biex jgħixu, jħallsu għall-edukazzjoni u l-kura ta' tfal tagħhom.




Għalkemm il-prezz mill-Fair Trade għall-bdiewa mhuwiex kbir ħafna, imma huwa biżżejjed biex jgħinhom jgħixu ħajja diċenti. Eż fejn qabel taħt sistema kapitalista minn jipproduċi l-cacoa (ingredjent prim biex issir iċ-ċikkulata) kienu jaqgħilu 0.03% tal-profitt, f'sistema tal-Kummerċ Ġust dawn jaqilgħu ma' 4% u l-kumplament jitqassam mal-persuni l-oħra kollha nvoluti fil-produzzjoni sakemm dan jasal għand il-konsumatur.

Ta' kull sena dawn iridu jagħtu premium li jmur direttament fil-komunitá biex jagħmel tajjeb għall-edukazzjoni ta' tfal, saħħa etċ. Dan ifisser li għandek sinerġija sħiħa b'rispett lejn il-komunitá, il-ħaddiema u l-ambjent. Mil-kultivazzjoni tal-materja prima, sa l-proċess ta' tħaddim, il-produzzjoni u distribuzzjoni tal-prodott.

Biex tieħu l-marka tal-Fair Trade trid tiggarantixxi pagi ġusti, rispett lejn l-ambjent u responsabilitá sħiħa lejn il-komunitá.

**Ilum għandek diversi kumpaniji privati li huma wkoll qed jipproduċu parti mil-prodotti tagħhom taħt il-marka ta' Kummerċ Ġust, kif biddel il-ħsieb jew il-kunċett tal-Fair Trade fuq livell globali?**

Bħalissa huma l-ftit il-kumpaniji li qed jagħmlu dan. Eż Tesco qal li se jibda jġib prodotti li lkoll huma Fair Trade. S'intendi jekk jkun hemm id-domanda, dan se jixpruna l-kumpaniji biex jaqilbu għal aktar prodotti li huma mħaddma f'sistema tal-Kummerċ ġust. B'hekk se jgawdu aktar dawk li jipproduċu u sistema ssir aktar ġusta. Tajjeb ngħidu li għandek produtturi li huma stess qalbu għal sistema ta' Fair Trade għax se jitħallsu aktar.

Hawn qed insemmu l-aktar l-agrikoltura għax minn hemm tinġieb l-ammont kbir tal-materja prima fil-produzzjoni ta' prodotti tal-ikel. Hawnhekk insibu ħafna sfruttament minn kumpaniji ta' ħaddiema bdiewa, dħul baxx u faqar fost il-komunitajiet. Teżisti wkoll il-problema ta' nuqqas ta' edukazzjoni fost il-komunitajiet fil-pajjiżi ta' tielet dinja dwar il-kunċett tal-Fair Trade.

**Minn huma dawk l-organizazzjonijiet li jippromwovu it-tħaddim tas-sistema tal-Kummerċ Ġust?**

Żgur li l-International Labour Organisation (ILO) tippromwovi dan il-qasam peress li f'din is-sistema ma hemmx sfruttament ta' ħaddiema u bdiewa. Hemm gvernijiet li qed jgħinu dan il-qasam fosthom l-Ecaudor, fejn il-Gven Xellugi Correa daħħal diversi miżuri sabiex il-prezz tal-produzzjoni tal-banana ma jinżilx fl-livell baxx li jagħmilha diffiċli li koperattivi jibqgħu kompetittivi f'dan is-settur. Fl-Amerika Latina hemm ħafna aktar kuxjenza f'dan il-qasam u sabiex il-koperattivi jissaħħu aktar.

Marthese kompliet tgħid li l-Moviment tal-Fair Trade jħares lejn il-kwistjoni tal-kumpaniji li jemalgamaw il-Fair Trade fil-produzzjoni tagħhom b'kawtela. Żgur li hemm vantaġġi u żvantaġġi. Eż jista' jkollok prodott li l-materja prima tiegħu ma tkunx kollha mill-'Fair Trade', imma tkun fuq perjodu fis-sena. Jew inkella il-bdiewa jitħallsu ammont ġust għal perjodu u wara ċertu żmien din tittnaqqsilhom. Allura hemmhekk jibdew il-problemi.

Minn banda l-oħra, il-fatt li n-nies se jaraw aktar il-marka tal-Fair Trade fil-ħwienet, in-nies se jsiru aktar konxji fuq il-Fair Trade, jistaqsu aktar u forsi jibdew jixtru aktar prodotti li huma Fair Trade. Imma kif qed ngħidu hemm il-problema reali ta' 'Green Washing' li qisu issa l-kumpaniji multinazzjonali saru xi organizazzjoni 'tajba' u mhux waħda li tisfrutta. Imma hemm minn jittama li dan jista' iwassal biex il-produzzjoni kollha tal-kumpanija tinqaleb kollha għal 'Fair Trade'.

**Dan l-aħħar ħareġ rapport internazzjonali li jgħid li 60% tal-ħaddiema fid-dinja huma mhaddma b'kuntratt temporanju tax-xogħol (Prekarju). Kif taħseb jista' jgħin il-Fair Trade f'dan il-qasam?**

Nħares lejn dawn iċ-ċifri bħala kontradizzjoni fiha nnifisha fejn għandek ħaddiema li qed jitħaddmu b'kuntratt temporanju li joffri pagi baxxi u insigurtá, imbagħad fl-istess waqt ngħidu lil dawn l-istess ħaddiema biex jixtru prodotti tal-kummerċ ġust fejn il-ħaddiema għandhom paga ġusta u aktar sigurtá ta' impjieg.

Il-ħaddiema fil-qasam tal-Fair Trade għandhom aktar sigurtá ta' mpjieg. Filwaqt li għandek ħarsien aktar tal-ambjent naturali u l-ekoloġija tal-post. Forsi tkun ħolma li sistema kollha tinbidel f'din id-direzzjoni biex niġġieldu l-prekarjetá, nħarsu aktar l-ambjent naturali u neqirdu l-faqar globali.

Tbeżżgħani l-fatt li ż-żgħażagħ qed jaċċettaw dan il-mudell ġdid fis-suq tax-xogħol ta' kuntratti temporanji. Żgur li dan it-tip ta' mpjieg qed jġib insigurtá fost il-ġenerazzjoni żgħażugħa fejn dawn isibuha diffiċli jibnu l-futur tagħhom.

**Kif jista' wieħed jgħin f'dan il-qasam?**

Wieħed jista' jgħin billi hu stess jixtri prodotti li huma bil-marka Fair Trade, kif ukoll jissieħeb bħala voluntier mal-Koperattiva Kummerċ Ġust.

Anke billi jħeġġeġ nies oħra jifhmu x'inhu Fair Trade. Minn naħa tagħna qed nagħmlu dan b'diversi kampanji edukattivi f'diversi skejjel u f'postijiet pubbliċi madwar Malta u Għawdex.

Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil membri ta' Żminijietna - Leħen ix-Xellug fejn bħala organizazzjoni qed tippromwovu l-Fair Trade.

***Ritratt: Te bil-marka Fair Trade. Wieħed minn ħafna prodotti li wieħed isib jixtri mill-Ħanut Arka tal-Koperattiva Kummerċ Ġust fi Triq San Pawl ġewwa l-Belt Valletta.***

# IL-ĠLIEDA GLOBALI KONTRA L-ISFRUTTAMENT TAL-ĦADDIEMA

ETHICAL THREADS

*Żminijietna, b'rappreżentant tagħha ġewwa Bonn il-Ġermanja qed tippubblika l-intervista li saret ma' Sergio Chavez (ritratt) mil-El Salvador li jaħdem ma' tim ta' esperti li jinvestiga l-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-industrija ta' Textile ġewwa El Salvador.*



*L-intervista kienet parti minn seminar ta' jumejn li tratta l-konsum Etiku. Is-seminar kien organizzat mil-Moviment Globali favur il-Kummerċ Ġust. Malta kienet rappreżentata minn numru ta' attivisti mil-Koperattiva Kummerċ Ġust (KKĠ).*

**X'inhu jagħmel it-tim li taħdem int fih biex jiġġieled l-isfruttament ta' ħaddiema ġewwa El Salvador?**

El Salvador huwa pajjiż li jipproduċi ħafna. Għadna ndustriji kbar fil-qasam ta' tessuti. Is-suq tagħna huwa l-aktar dak Amerikan; imma għandna wkoll suq Ewropew. Bħala perċentwal il-pajjiż ftit jikkonsma minħabba livell baxx ta' għajxien u faqar. L-aktar nies li jikkonsmaw huma dawk sinjuri.

Il-ħidma tiegħi u li ninvestiga l-abbuż u sfruttament li qed iseħħ fil-qasam ta' tessuti; fejn id-dritt ta' Unjin ma jeżistiex; il-kumpaniji jaħdmu f'segretezza fejn ħadd ma' jitħalla jidħol jagħmel spezzjonijiet fuq saħħa u sigurtá, u kundizzjonijiet tax-xogħol.

Bħala tim jew organizazzjoni qed naħdmu sabiex ħaddiema li jaħdmu fil-qasam ta' tessuti jkollhom pagi u kundizzjonijiet diċenti tax-xogħol u titjib fil-livell ta' għajxien.

Sa llum l-ebda kumpanija ma tħallas 'living wage'. F' El Salvador il-pagi huma baxxi ħafna 'cheap labour'. Nemmen li l-kunċett li qed nitkellmu fuqu llum ta' *Ethical Consumption* għandu jinkludi dawn il-kwistjonijiet. Irridu naħdmu f'sinerġija flimkien.

**X'Kundizzjonijiet ta' mpjieg wieħed isib fil-qasam ta' Tessuti fl-El Salvador?**

Kundizzjonijiet ftit li xejn. Il-Ħaddiema jaħdmu sigħat twal ta' xogħol; daqs tnax il-siegħa u aktar kuljum. Ġieli anke mingħajr 'break'. Ħaddiem f'El Salvador jaqla' $210 fix-xahar. Filwaqt li fil-Bangladesh, pajjiż ieħor miżgħud bl-industrija ta' tessuti jaqla' $80 dollaru fix-xahar. Minn naħa l-oħra il-ħajja hija għalja infern, fejn familji ma jaffordjawx jixtru l-bżonnijiet ta' kuljum f'dak li huwa ikel, mediċini etċ. Jidher li l-awtoritajiet qed jgħalqu għajnejhom għal dawn l-affarijiet, peress li minn din l-industrija qed tgawdi l-ekonomija tal-pajjiż.

**X'taħseb fuq li kumpaniji jingħataw marka u ċertifikat li jiklassifika l-kumpanija li hi ħielsa minn kundizzjonijiet ħżiena tax-xogħol?**

Mir-riċerka li kont għamilt flimkien ma sħabi fil-qasam tal-produzzjoni tal-bettieħ u l-gambli, sibt li hemm numru ta' kumpaniji li għandhom dan iċ-ċertifikat imma x'ħin tevalwhom issib li mhux minnu li jirrispettaw il-il-kundizzjonijiet tal-ħaddiema u l-ambjent. Anke jħallsu pagi ferm baxxi. Ifisser li dawn il-kumpaniji ma kienux qed japplikaw ir-regoli li ċertifikazzjoni u l-marka hija msejsa fuqhom.

Il-marka kienet qed tintuża biss bħala għodda biex il-kumpaniji jagħmlu aktar profitt. Kienu qed jingannaw u jġiegħlu n-nies jixtru prodotti li għandhom marka li ma tfisser xejn.

**L-investigazzjonijiet li qed isiru waslu għal titjib fil-kundizzjonijiet tal-ħaddiema fl-El Salvador?**

Jien persuna li nħobb inkun katastrofiku. Ili naħdem f'dan ix-xogħol għal dawn l-aħħar 17-il sena. Kien hemm titjib meta tiftakar li n-nisa kienu mġiegħla jagħmlu 'pregnancy test'. Persuni HIV ma kienux jitħallew jaħdmu. Jekk persuna ma tilħaqx il-produzzjoni kien ikun hemm konsegwenzi ferm agħar. Illum dawn l-uzanzi tneħħew.

**Il-Unjins fl-El Salvador x'qed jagħmlu?**

Il-Unjins mhumiex jgħafsu għal titjib fil-pagi. Il-Unjins għandhom



il-limitazzjonijiet ta' kif joperaw. Il-pagi għadhom baxxi. Jeħtieġ isir aktar mil-istess moviment jew kampanja għal 'Ethical Consumption'.

**Jeżisti l-użu ta' sub contracting f'El Salvador li hu sors ta' aktar sfruttament?**

Iva jeżisti. Infatti kumpanija rinomata fil-produzzjoni ta' l-'sports shoes' inqabdet titrasferixxi parti mil-produzzjoni tagħha lill-kumpanija li mhiex reġistrata. Il-ħaddiema kienu qed jitħaddmu b'kundizzjonijiet miżeri.

Malli din l-affari ġiet skoperta, il-kumpanija irtirat dan il-ftehim. Il-kumpaniji jafu jimxu b'double standarts. Tajjeb niftakru li l-kumpaniji mhumiex għaqda karitattiva, imma qegħdin hemm biex jagħmlu l-profitt.

**Il-ħidma tiegħek tidher waħda ta' riskju. Huwa minnu dan?**

Iva. Irrid noqgħod attent ħafna, flimkien ma l-kollegi l-oħra kif noperaw. Naħdmu ħafma f'dak li hu spjunaġġ fejn minn hemm isir ix-xogħol li minnu tinġabar l-informazzjoni biex b'hekk tittieħed l-azzjoni. Kien hemm mumenti fejn ħajti kienet f'riskju.

**X'inhu l-ħsieb tiegħek għal futur fil-kundizzjonijiet tal-ħaddiema f'El Salvador?**

Fadal ħafna xi jsir. Qed naħdmu ħafna biex nkomplu ntejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u livell ta' l-għajxien. Il-kumpaniji se jkomplu jfittxu swieq fejn il-prezz u l-kundizzjonijiet huma baxxi. Imma din ma tbeżżgħanix. Dawn il-kumpaniji mhumiex jgħinu l-ħaddiema, imma bil-kontra qed jisfruttawhom. Huma 'monstri'.Il-ħaddiema lanqas għandhom biex iħallsu għall-pensjoni li fil-pajjiż hi waħda privata. Kullma jieħdu mil-Istat meta jirtiraw hu somma ta' darba ta' $8,000.

Tajjeb li l-moviment tal-Fair Trade, il-moviment For Ethical Consumption, anti-sweatshirts, il-Unjins u oħrajn jkomplu jsaħħu l-kampanji tagħhom f'dan ir-rigward sabiex il-ħaddiema kollha fid-dinja jkollhom livell ta' għajxien diċenti u suq ta-xogħol mingħajr sfruttament. Aktar informazzjoni *fuq I Shop Fair.Net*

# I AM AN ADULT

I smoke, I drink, I am a drug user, and therefore I am an adult. By the way I am fifteen years old.

By far the greatest majority of youngsters want to be considered Adults and smoking, drinking and drug use gives them that impression.

In many cultures that were forcibly destroyed, there were special ceremonies to incorporate the young into the adult state. Some of these ceremonies are not to be recommended but some were very helpful as they gave young people something to look forward to.

Though the church has the sacrament of confirmation, this is done far too early to serve as the entrance into the adult state.

I think we, as a society should create a ritual to mark the entrance into adulthood. This practice would lower drastically the use of smoking, drinking and drug use among adolescents. Maybe the Scouts' movement could introduce such a ceremony.

As a matter of fact I think two ceremonies should be used, one to make the transition from childhood to the state of youth and one to make the transition into adulthood.

When joining the youth status, one would be able to have consensual sex, vote etc. so young people would feel important and their need for cigarettes etc. would diminish greatly.

Then at 18 they would celebrate another ceremony which would give them the right to join the armed forces, drive, marry etc.

I think the scouts and the girl guides should merge and offer ceremonies to all young people in the country.

***Josephine Gatt-Ciancio***
***Kalkara***

# 2015 - SENA TA' ANNIVERSARJI

***John Zammit***
***Alleanza Liberali***
***johnpzammit@gmail.com***

Is-sena 2015 għalija personali ġġibli diversi anniversarji ta' avvenimenti li għaddejt matul ħajti. Għalkemm, hemm snin oħra wkoll li jien għamilt affarijiet importanti f'ħajti, imma nzerta, li din is-sena fiha aktar minn anniversarju wieħed.

Kien fis-sena 2000 (ħmistax-il sena ilu) li jien żort għal ewwel darba Brussell, il-Parlament Ewropew u l-Kwartieri Ġenerali tal-grupp tal-Liberali fl-Ewropa, dak iż-żmien ELDR – European Liberal Democratic and Reform Parties, fejn llum saru magħrufa bħala l-ALDE – Alliance of Liberals and Democrats for Europe. Kien ftit wara li waqqaft partit Liberali ġewwa Malta li huma aċċettawni bħala membru assoċjat magħhom.

Fis-sena 1990 (25 sena ilu) jien kont waqqaft l-Għaqda għad-Drittijiet ta' l-Irġiel u allura dan kien avveniment importanti kemm għalija u anke għall-irgiel ghax bis-saħħa ta' din l-għaqda flimkien mal-kumitat, fejn jien kont President/Fundatur, John Caruana Ko-ordinatur u Dr. Emmy Bezzina bħala l-avukat. Dr Bezzina kien jieħu ħsieb jagħtina pariri legali. Konna wasalna biex bdejna kampanja biex jitwaqqaf il-Qorti tal-Familja; jitneħħa l-impediment tas-safar kontra l-irġiel f'każi ta' separazzjoni; u bdejna l-kampanja għad-dħul tad-Divorzju f'Malta; u anke ħdimna biex ikun hemm il-medjazzjoni obbligatorja meta jkun hemm koppja f'separazzjoni u b'hekk diversi żwiġijiet ġew salvati. Illum dawn kollha ddaħħlu.

Anniversarju ieħor importanti għalija kien l-esperjenza li kelli fl-1985 (tletin sena ilu) ġewwa Londra bħala ġurnalista mal-ġurnal "Labour Weekly" tal-Partit Laburista Ingliż. Kont nirraporta minn diversi partijiet tal-Ingilterra fosthom mill-House of Commons, minn Barking Hospital fejn hemmhekk segwejt strajk li dam tmintax-il xahar peress li l-Prim Ministru Ingliża Margaret Thatcher riedet tbiegħ kull ma kien ta' l-Istat.

Sadattant inqala l-inkwiet ukoll meta daħlet it-teknoloġija ġdida tal-kompjuters biex jinħadmu l-ġurnali. Niftakar kont intervistajt u rajt għall-ewwel darba kif kienet qegħda ssir il-gazzetta "Today" ta' Eddie Shah li ġabet revoluzzjoni fl-istampar tal-gazzetti permezz tal-kompjuters. Malta konna għadna se ndaħħlu dawn il-kompjuters u għalhekk jien kont avvanzat fl-informazzjoni speċjalment bit-tagħlim li kont ħadt meta żort l-istamperija ta' Eddie Shah f'Havant, Portsmouth.

Anniversarju kbir ħafna għaliha bla dubju din is-sena huwa –il 50 sena minn meta bdejt naħdem fil-ġurnaliżmu. Niftakar li kont nistudja l-Inġinerija Mekkanika fl-Istitut Tekniku (illum MCAST) fejn dak iż-żmien missieri kien għażilli s-sengħa tiegħu fl-1963. Iżda jien ma kontx għal qalbi u kont imħajjar aktar għall-kitba u l-Ġurnaliżmu. Meta wasal il-waqt applikajt għal vakanza fil-Freedom Press tal-Partit Laburista u dħalt nemmen fl-1965. Bdejt naħdem mal-Freedom Press mal-ġurnal "Il-Ħelsien". Ta' min jgħid li l-ġurnali tal-Partit Laburista dak iż-żmien kienu kkundannati mill-Knisja Kattolika. Li jfisser li jien kont qed nagħmel tlett dnubiet mejta kuljum u lanqas stajt inqerr. Anzi l-Kappillan ta' dak iż-żmien ta' Birżebbuga, Monsinjur Ġużeppi Minuti kien ikeċċini 'l barra mill-knisja.

Kien minn hawn li jien imbagħad sibt lili nnifsi fil-politika u anke kont nikteb artikoli politiċi, l-aktar meta ġejt f'kuntatt mal-Perit Dom Mintoff, Anton Buttiġieġ, Danny Cremona, Lorry Sant, Agatha Barbara u oħrajn. Ma ninsiex lil Dr. Joe Brincat li għalkemm kien għadu ma laħaqx Avukat kien jiġi l-istamperija jieħu ħsieb il-ġurnal bl-Ingliż tal-Partit Laburista "The Voice of Malta" li l-Editur tagħha kien Dr. Anton Buttiġieġ.

Wara li l-Perit Dom Mintoff iddeċieda li jagħlaq il-Freedom Press, eżatt wara l-elezzjoni ġenerali tal-1971, kont ingħaqadt ma' l-Union Press u allura ma' l-Orizzont fejn anke kont Sub-Editor. Hemm komplejt ħadt esperjenza akbar f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġurnaliżmu, kemm lokali u anke internazzjonali, minbarra l-kuntatti politiċi ma' Maltin u barranin, fosthom anke dawk bi twemmin Liberali.

Kien ukoll il-kors fil-Ġurnaliżmu li ħadt kemm f'Malta, kif ukoll f'Londra li jien għamilt ħafna avvanzi u l-aktar li għeni biex ma naqlax Libelli Kriminali kienu d-diversi lezzjonijiet li kelli ma' Dr. Joe Micallef Stafrace li għallimni dwar il-Liġi ta' l-Istampa, il-Liġi Kriminali u l-Liġi Ċivili.

Kelli l-Professur Ian Refalo li kien il-Professur tiegħi dwar il-Liġi Kostituzzjonali. Il-Profs Micallef jitratta l-Liġi tal-Copyright u oħrajn fuq il-Liġi Internazzjonali. Ma rridx inħalli barra lill-Professur Kenneth Wain dwar il-'privacy' u l-'invasion of privacy'.

Għadni niftakar sa llum meta kien qalilna li jekk inkun għaddej mit-triq u minn tieqa nara lil xi ħadd mil-ħajja pubblika jagħmel xi ħaġa li mhiex ġusta, jien għandi dritt bil-ligi ta' l-Istampa li nippubblikah fuq l-ewwel paġna (front page). S'intendi ż-żmien jgħaddi u llum jien għandi sitta u sittin sena u ninsab irtirat, imma xorta bqajt ġurnalist, għax meta tkun ġurnalist tibqa' għal dejjem.

# Ambjent Terzjarju

***Apert - Birkirkara***

Il-bini ta' Universita Amerikana (AUM) fil-ponta taż-Żonqor, qajjem polemika kbira fil-pajjiż. Il-proġett għandu l-appoġġ popolari bbażat fuq żewġ għanijiet, waqt li kontrieh qegħdin nisimgħu wkoll żewġ tipi ta' oġġezzjonijiet.

Favur huma dawk b'mira ekonomika, u oħrajn b'għan edukattiv. Element qawwi ta' appoġġ ġej minn settur ta' nies li fil-proġett jaraw sors ekonomiku tant meħtieġ biex jistimula l-attivita ekonomika fl-inħawi.

It-tieni linja ta' ħsieb favur il-proposta hija bażata fuq id-dritt li qatt ma kellna f'Malta, tal-għażla fl-edukazzjoni terzjarja. Nies ta' din il-fehma jisħqu li għandu jkun hemm l-għażla f'dan il-livell ta' edukazzjoni bħalma għandna f'kull stadju ieħor.

Kontra l-proġett għandna lil dawk b'oġġezzjoni għall-bini l-barra miż-żoni ta' l-iżvilupp (ODZ), u hemm oħrajn li ma jridux edukazzjoni terzjarja privata. Mela l-edukazzjoni futura qegħda tikkonċerna kemm lil grupp favur u anke lil ieħor kontra l-proġett.

Fin-nofs għandna d-dritt tal-għażla li qatt ma wasal fostna fl-ogħla livell edukattiv. Dawk li qed joġġezzjonaw għall-edukazzjoni terzjarja privata jemmnu li din għandha tibqa' pubblika biex tinżamm ta' l-aqwa kwalitá u ma ssirx elitista. Jgħidu li f'pajjiżna l-istat m'għandux mezzi biex isostni l-iprem kwalitá f'kompetizzjoni f'darna mal-privat multinazzjonali.

Min-naħa l-oħra l-grupp favur l-għażla fl-edukazzjoni terzjarja, jgħid li m'hemmx skop li l-edukazzjoni tinżamm strettament pubblika fil-livell universitarju biss, meta l-privat hu nkluż fil-livelli l-oħra kollha, li lkoll jippreparaw lill-istudent għal dik l-edukazzjoni ogħla.

Ma jaraw ebda vantaġġ li din tinżamm esklussivament pubblika, sakemm il-formazzjoni tal-istudenti universitarji tkun tiddependi primarjament mid-direzzjoni tal-għalliema, li aktarx tkun prodott ta' sistema edukattiva privata.

NGO's u l-Ambjentalisti li fosthom hemm ħafna li jaqblu mad-dritt tal-għażla fl-edukazzjoni u mal-kunċett tal-vantaġġ ekonomiku tal-proġett, ingħaqdu wara l-oġġezzjoni komuni kontra l-bini f'ODZ. Ma jridux iħallu lok għal skandli bħalma saru fil-passat b'kull xorta ta' bini illegali li kien laħaq il-quċċata b'estenzjoni ta' linji ta' l-iżvilupp u ta' lukandi bla permess, u li sar fuq art pubblika li ma kellu ebda dritt fuqha l-lukandier.

Kienet daħka fil-wiċċ li dak il-lukandier ġie mgieghel iħallas multa biex il-gvern ta' dak iż-żmien illegalizzalu dik l-ereżija u ħariġlu permess qisu ma ġara xejn. Fid-dawl ta' sagrileġġi bħal dawn li seħħew fl-imgħoddi, tajjeb li hawn ninnotaw ukoll li hemm sezzjoni mdaqqsa mill-poplu li lesta tilqa' kompromess fl-użu tal-ODZ taż-Żonqor biex ma jintilifx dan l-iżvilupp.

Ma dawn il-fatti trid tkun kunsidrata wkoll l-opinjoni ta' grupp kbir ieħor ta' ċittadini li ngħaqdu favur il-proġett.

Dan kollu juri li relattivament ftit li xejn hawn nies li jaqblu kompletament mal-proġett kif propost, u ftit ukoll insibu li joġġezzjonaw kontra kull proposta ta' dan l-iżvilupp. Daqstant tvarja l-opinjoni pubblika dwar dan l-investiment importanti.

Irrispettivament mid-deċiżjoni li se tittieħed dwar dan il-każ speċifiku wara din id-diskussjoni nazzjonali, żgur li jkun imperattiv li fil-konklużjoni tal-eżerċizzju, l-partiti politiċi li għandhom jew jista' jkollhom influwenza parlamentari, jintrabtu bi ftehim konkret fuq żewġ prinċipji.

L-ewwel li l-pjan ODZ ma jinbidilx minn kif ikun fil-jum tal-iffirmar. It-tieni li tiġi stabbilitá data li minnha l-quddiem taħt ebda ċirkustanza u għal ebda raġuni, ma jkun jista' jsir ebda bini f'ODZ, la fi propjeta tal-knisja, lanqas f'tal-privat u lanqas f'tal-istat, jekk mhux ta' urġenza nazzjonali.

# The Gap between the Rich and Poor in the World.

***Sammy Camilleri***
***Ontario, Canada***

*The 25 Top Hedge Fund Managers in 2009 earned an average of more than a Billion Dollars each, more than 24,000 times that of an average American Citizen.*

Consider some implications of America's National Health and Stability. The United States currently borrows 40% of what it spends. The 2012 U.S Federal Budget was almost $3.8 Trillion, a gargantuan number almost impossible to understand. This breaks down to the Federal Government spending of
$316.3 Billion per Month;
$73 Billion per Week;
$10.4 Billion per Day;
$433 Million per Hour;
$7.2 Million per Minute;
$120,370 per Second.

How much is Billion Dollars? For most of us, that number is more than we can imagine. But let's try to make it a bit simple. If you were given a dollar every second, it would take almost 32 years to become a Billionaire. And, if you are Bill Gates counting your fortune of about $53 Billion, you would be finished by now if you started counting in the year AD330. That is when Constantine was the Roman Emperor.

Someone have put together a compelling picture of the real cost of the global inequality that was produced a record crop of Billionaires *(1011 people at last count).*

What the authors demonstrate is that, while the effects of the increasing gap between the ultra-rich and everyone else is deleterious to the economy as a whole, to the environment, and even to our Health, the Issue of Inequality and its Consequences has largely disappeared from the public debate.

Some examples of the absurdity of the situation, for instance, the former CEO of Merrill Lynch defended giving $4 Billion in executive bonuses in 2009 as a necessary to retain the 'Best Advisors'. This was done right after these same over-achievers had steered the company to a staggering net loss of $27 Billion and in the process helped trigger the Global Economic Meltdown.




All in all, Wall Street Bankers paid themselves a record $140 Billion in 2009.

To put this into perspective, the 25 Top Hedge Fund Managers in 2009 earned an average of more than a Billion Dollars each, more than 24,000 times that of an average American. But not to worry these High-Rollers are entitled to their fortunes because, in the words of Goldman Sachs CEO, Lloyd Blankfein, they are just doing 'God's work'. Such extreme wealth is far from benign.

One problem is the extent to which such disparities are anti-democratic. Concentrations of economic power translate into concentrations of political power. The ways in which the wealthy few can undermine a Democracy are Legion, such as its controls of mass media, and by 'contributions' to political parties that support these interest, (such as Mc Donalds donating to parties who oppose raising the minimum wage). Then there's the Billionaire Koch Brothers, whose oil wealth has been a principle support of the 'Tea Party' in the USA.

Not only do they advocate even lower taxes on the rich, but they oppose legislation to reduce global warming in the pursuit of higher profits. One of the worst aspects of inequality is its negative effect on the Health of those who are not well-off.

Health is a good indicator of how well a society is creating conditions that allow its citizens to develop and thrive. By this measure, almost every nationality in the Developed World, French, Italian, Japanese, Canadians, Singaporean, Swiss, Brazilian, and many others, is healthier than the average American.
(A recent study of life expectancy supports this conclusion, showing that the United States has dropped to 45th place in terms of life expectancy).

To demolish the arguments that are put forward to attempt to justify the fortunes paid to the elites, and they make a very powerful case that progressive need to focus their attention on inequality in general, rather than poverty in particular.

# WE MUST NOT CHANGE ITS COLOUR NOW

***Luke Scicluna***

On the 7th of May, 2015, the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland went to the polls in what is now recognised as a historic win for the Tories. Post-election triage was quick to identify Ed Miliband as the weak link in the chain, and he did not question this identification, resigning almost immediately after the results were announced. Despite the wholesale rejection of Labour by traditionally leftist voters, such as those in Scotland who voted for the Scottish National Party, and those who turned to the Green Party's anti-austerity platform, the right wing within the party was quick to pass judgement, with figures such as Tony Blair and Chuka Umunna rushing to tar Miliband's approach as a return to the days of an obsolete, anachronistically socialist Labour.

Following Miliband's resignation, the Labour right has rushed to assert its influence – two of the candidates for Labour Party leadership are Liz Kendall and Yvette Cooper, both MPs who have readily adopted the Blairite rhetoric of "no rights without responsibilities." Together with Andy Burnham, the third candidate for the leadership, they have declared their support for various Conservative cuts, accepting the Tory line that the collapse of the British economy in the late '00s was due to Labour's overspending. Kendall and Cooper, and, to a lesser extent, Burnham, refuse to take a progressive stand on issues such as the minimum wage, British nuclear disarmament, the growth of income inequality, and just taxation, with Kendall going as far as to say that "we cannot help the weak by rallying against the strong."

Miliband's regressive stances on issues like immigration, austerity, and weapons of mass destruction put the lie to his characterisation as a member of the Red Guard. Yet the neo-liberal right, whether within the Labour Party or without it, has succeeded in leading the party down the path of fiscal conservatism, staunch British nationalism, and the wish to be dissociated from its past engagement with class struggle, workers' rights, and trade unionism. Many consider Labour's sharing of a campaign platform with the Conservative party when it came to the Scottish Referendum to have been a mistake, and there is a lot of opposition to its efforts to characterise itself as the only truly pro-EU party in the United Kingdom, a position was perhaps the key source of its defeat.

Labour's greatest failing in this regard was not its support for EU membership, but its failure to re-orient the EU debate. Throughout the UK, there is widespread disillusionment with the EU at levels not seen before, and the debate has been thus far successfuly framed by UKIP and the true-blue wing of the Conservative party as a debate on the (un)desirability of migrants. Nobody within mainstream Labour has thought to openly question the increasing loss of popular sovereignty in favour of legislative centralisation in Brussels, where decisions are made by the unelected EU Commission, and where British MEPs make up a minority (73/751) of the European Parliament, elected, for the most part, to rubber-stamp the actions of the Commission; indeed, the only real challenge to such centralisation has been an alarming threat, by Secretary of State for Justice Michael Gove, to leave the jurisdiction of the European Court of Human Rights. Nobody has thought to question the increasing drift to the right of the European Commission and EU institutions, as exemplified by these institutions' bullying – there is no other word – of the Greek government into accepting its economic diktats. Most of all, nobody has dared to express the thought that the Common Market mightn't be such a good idea after all, in a climate where Europe is flooded by an influx of cheap, mistreated labour from the East, and with the threat of TTIP looming on the horizon. Labour have patently failed to engender a progressive debate on issues such as democratic sovereignty, accountability, and popular participation.



As the leadership contest drags on, Jeremy Corbyn's candidature (see photo) offers some small hope for a return to Labour's founding principles. Corbyn's lifelong refusal to sell his principles out is worrying to a party elite more concerned with returning to power than with defending the causes that it was established to defend. His reputation is that of a staunch socialist; his long and storied history as MP for Islington North, to which he was first elected in 1983, and to which he has consistently been elected since, is the story of a politician who has never been afraid of controversy – amongst other things, he was one of the few MPs to support negotiations with Sinn Fein during the height of the Troubles in Northern Ireland, he helped to fight a bitter campaign against Britain's involvement in the Iraq war, and he has defied the Labour Party whip hundreds of times.

Corbyn is in favour of a progressive re-examination of the UK's relationship with the EU. He is also in favour of the abolition of tuition fees for tertiary education, the raising of the minimum wage to a living wage, and the renationalisation of various industries and services privatised by Thatcher and Blair. Much like the SNP, the Green Party, and Plaid Cymru, he is against weapons of mass destruction, and has spoken against the renewal of Britain's Trident programme of nuclear missiles.
He has been a key presence in the anti-austerity movement which has sprung up as a reaction to the billions of pounds in welfare and benefit cuts being implemented by the British Government. Above all, he brings a refreshing change to a party which is consumed by its efforts to outdo even Cameron's own outlandish proposals on austerity.

Those who blame the loss of the election on Miliband's supposed leftism have been quick to make Corbyn the target of a renewed assault. The loss has brought into the open the contradiction between Labour's historical location as the party of the British worker, and its contemporary desire to appear relevant and hip with the times, one which the reaction to Corbyn's nomination accentuates. It remains to be seen whether, as one of Britain's most-loved MPs who polled 60% of the vote in his local constituency, his charisma, principled nature, and good heart can win out over more worrying interests within the party.

# APPELL LILL-KUNSILLI LOKALI

## "Waqqfu l-Użu tal-Ħerbiċida fil-Lokalita"

F'diskussjoni pubblika organizzata mil-'The Clean Food Movement' fil-Jum Internazzjonali kontra l-Monsanto (l-ikbar kumpanija tal-GMOs) ġie diskuss l-użu u l-impatt tal-ħerbiċida fil-lokalitajiet Maltin.

Infatti minn l-istess riċerka li għamel il-Moviment wera biċ-ċar li hemm numru kbir ta' kunsilli lokali li ta' kull sena qed jagħtu permess biex jibqa' jsir l-użu tiegħu.

John Portelli mil-organizazzjoni *MOAM u f'isem il-Moviment* qal "li dan l-ħerbiċida huwa velenu u qed jintuża f'toroq fl-abitat u ġonna pubbliċi. Matul is-snin l-użu tiegħu anke beda jintuża mil-bdiewa fil-produzzjoni tal-ikel għax jeqred kull ħaxixa li aħna ngħidulha 'selvaġġa' li tikber fl-għelieqi.

Jekk l-entitajiet li qed jagħmlu manutenzjoni ta' toroq u ġonna pubbliċi jagħmlu użu minn dan il-'pestiċida', dan ovvjament qed iżidu l-inċidenza ta' mard fost il-poplu Malti.

L-organizazzjoni *Friends of the Earth (Malta)* fl-2013 wkoll kienet ħejjiet studju fuq l-użu ta' din il-ħerbiċida. Minn dan l-istudju irriżulta li Malta għanda l-ogħla inċidenza ta' 'residwi ' ta' dan l-ħerbiċida fil-ġisem tagħna b'90%.

John Portelli kompla jgħid li huwa nkwetanti meta għad għandek kunsilli lokali li qed jippermettu kuntratturi jew ħaddiema tagħhom stess jużaw dan il-prodott biex jneħħu ħaxix 'ħażin' f'toroq ma' djar tan-nies u f'postijiet pubbliċi.

Dan huwa att kriminali, issa li għandna *policy* ċara li titkellem kontra l-użu ta' din il-ħerbiċida fil-lokalita. Il-Policy '*Malta National Action Plan for sustainable use of pesticides 2013/2018'* tipprojbixxi l-użu ta' ħerbiċidi f'postijiet urbani fejn jgħixu nies u f'postijiet pubbliċi bħal ġonna pubbliċi etċ, speċjalment fejn hemm persuni vulnerabbli bħal trabi, tfal, anzjani, nisa tqal u nies morda. Bl-użu ta' dawn il-prodotti nemmen li l-problema ta' mard f'Malta qed inkabbruha".

Waqt l-attivita pubblika Kontra l-Monsanto l-organizazzjonijiet li jiffurmaw il-moviment ambjentali 'The Clean Food Movement' appellaw il-Gvern biex jwaqqaf il-kunsilli lokali milli jibqgħu jużaw dawn il-pestiċidi fil-lokalita. Ir-riċerka li għamel dan il-moviment ambjentali wera li 9% tal-Kunsilli Lokali f'Malta qalu li qed jippermettu l-użu ta' din il-ħerbiċida fit-toroq tagħna, filwaqt li 19% qalu li mhux jippermettu l-użu ta' dan il-pestiċida, imma qed jużaw metodi mekkaniċi tradizzjonali biex jaqtgħu l-ħaxix 'ħażin'.

L-istess riċerka uriet li 63% tal-Kunsilli Lokali ma pparteċipawx f'dan l-istudju.

John Portelli f'isem *The Clean Food Movement* qal "li dana juri li hemm apatija mill-kunsilli lokali lejn l-istess residenti li fl-aħħar mill-aħħar eleġuhom hemm".

Ralph Cassar mil-Alternattiva Demokratika (AD) u Kunsillier Lokali ta' Ħ'Attard qal "li l-użu ta' dan il-pestiċida kien rampanti fil-lokalitá tiegħu. F' Ħ'Attard l-użu tiegħu inqata' wara persistenza minn naħa tiegħi, u din ma kienetx ħaġa faċli. Il-problema li mhux kif tiddeċiedi biss, imma l-implimentazzjoni ta' din id-deċizjoni u kif se tikkontrolla. Problema oħra hija meta jkollok 'sub contracting'.

Nemmen li ma tantx hawn tagħrif *'awareness'* mill-istess kunsill lokali dwar il-perikli ta' dawn il-ħerbiċidi fil-lokalita".

Edward Mallia mil-*Friends of the Earth Malta* qal "li mit-testijiet li saru mil-FOE f'Malta u mibgħuta fl-Laboratorji fil-Ġermanja ħareġ li Malta kellha l-ikbar inċidenza ta' dawn ir-residwi fil-ġisem. Mit-testijiet li saru f'Malta fuq tnax il-persuna wera li jien li noqgħod Ħ'Attard, quddiem skola primarja kelli l-ikbar ammont ta' dawn ir-residwi u tieni mil-Ewropa kollha.

Minn fejn ġbarthom ma nafx u żgur li l-ammont tagħhom fil-ġisem tagħna mhux tajjeb. Il-ġisem żgur li mhux attrezzat għalihom. Imma issa li l-istudji qed juru li dan qed jispiċċa fil-ġisem tagħna, allura l-użu tiegħu għandu jieqaf. Il-WHO ukoll tkellmet fuq l-effetti li jista' jikkaġuna l-ħerbiċida. Data eżatta ma hemmx dwar l-impatt tagħhom fuq il-bniedem, imma indikazzjonijiet hemm li dan jagħmel ħsara u li jista' jżid il-mard".

Wieħed jistaqsi għalfejn qed nattakkaw il-Monsanto? Monsanto huwa l-ikbar produttur ta' dawn il-Ħerbiċidi qerrieda u huwa minn ta' quddiem fil-produzzjoni tal-GMOs. Rigward il-GMOs sa llum għad ma hemm data dwar l-impatt tagħhom fuq il-bniedem. L-istess GMOs fihom sustanza tal-ħerbicida biex ix-xitla tkun reżistendi għall-bacteria u l-mard".




***Ritratt: Protesta Kontra l-Monsanto u l-użu tal-Ħerbicida ġewwa l-Belt Valletta f'Mejju li għadda.***

# 60% tal-Ħaddiema Fid-Dinja m'għandhomx kuntratt ta' mpjieg

*60% tal-Ħaddiema fid-dinja ma' għandhomx kuntratt ta' impjieg, u ħafna minn dawn jaħdmu għal rashom.*

Fost dawk li għandhom impjieg imħallas, huma biss 42% li għandhom impjieg permanenti (regolari). F'Malta l-persentaġġ ta' ħaddiema b'impjieg regolari għadu wieħed ogħli ta' 77.5%, favorevoli għall-ħaddiema għax itihom sigurtá fl-impjieg tagħhom, dħul fil-paga b'mod regolari biex jmantnu l-familja tagħhom u sigurtá biex jtejjbu l-livell tal-għajxien tagħhom u tal-familja.

Stħarriġ ippubblikat mil-Organizazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), Aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti jgħid li f'aktar minn 180 pajjiż, li jkopri 84% tal-forzi tax-xogħol fuq livell globali, kwart biss tal-ħaddiema għandhom impjieg stabbli.

Filwaqt li tlett kwarti huma mħaddma b'kuntratt temporanju, jew mingħajr kuntratt ta' xejn jewb' impjieg mingħajr ħlas mal-familja tagħhom. Skond ILO, in-numru ta' ħaddiema b'xogħol li jrendi qed jikber, iżda għadu biss in-nofs tal-impjiegi fid-dinja.

L-istess studju jgħid li dana jiddependi mir-reġjun ġeografiku, wkoll, fejn għad hemm inugwaljanzi kbar.

Per eżempju, fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u fl-Ewropa per se 8 minn kull 10 ħaddiema għandhom impjieg bħala dipendenti (impjegati ma' xi ħadd). Filwaqt li finnaħa t'isfel ta' l-Asja u fl-Afrika 'Subsaharian' tnejn biss minn 10 għandhom dan it-tip ta' mpjieg.

L-Italja huwa wieħed mil-pajjiżi fl-Ewropa bl-ogħla rata ta' inugwaljanza f'dak li hu dħul tal-paga.

Minn banda l-oħra l-istess studju jgħid li qed jonqos it-tkabbir fl-impjiegi fid-dinja: fejn minn 2011 sa llum it-tkabbir waqaf għal 1.4% fis-sena, kontra 1.7% li kien irreġistrat minn 2000 sa 2007.

Fil-pajjiżi żviluppati u fl-Unjoni Ewropea it-tkabbir fl-impjiegi fil-medja telgħet 0.1% fis-sena aktar, meta mqabbel mal-perjodu ta' bejn 2000 u 2007 li dak iż-żmien il-persentaġġ tal-impjiegi kien ta' 0.9% fis-sena.

## Abbonament Gazzetta Żminijietna

Isem: Kunjom:

-----------------------------------------------------------------------------

Indirizz:

-----------------------------------------------------------------------------

Emejl:

-----------------------------------------------------------------------------

Sena: (€5) Sentejn: (€10)

**Ibgħat din il-formola lil Żminijietna P.O Box 35 Sliema. SLM1000 ma' ċekk jew direttament fil-*Kont Bankarju BOV 40013290155***